MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2006

Numru. 459/2001

PULIZIJA
SPETTUR SHARON TANTI
SPETTUR LOUISE CALLEJA
VS
ANTHONY RAPA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Anthony Rapa, ta’ 32 sena, iben Joseph u Rosaria nee’ Zammit, imwieled San Pawl il-Bahar, u residenti fi Flat Numru u7, Marouska Flats, Triq l-Ghabex, San Pawl il-Bahar, u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 150769(M), u akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, partikolarment f’San Pawl il-Bahar, fit-3 t’Awissu 2001, u matul ix-xhur precedenti, b’diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zmenijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

(a) xjentement ghex ghal kollox jew in parti mill-qliegh tal-prostituzzjoni ta’ diversi persuni, fosthom Carmen Zina Dimech u Irina Tutereva, u dan ai termini tal-Artikolu 7 tal-Ordinanza dwar Qirda tal-Kummerc fil-Prostituzzjoni tal-Kap 63 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(b) zamm jew ezercita jew kellu sehem ma’ ohrajn fl-ezercizzju ta’ burdell jew ta’ dar, hanut jew lokal iehor jew ta’ parti minnhom li huma jiffrekwentaw jew maghduda bhala li huma frekwentati ghal skop ta’ prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra mmorali, u dan ai termini tal-Artikolu 8 tal-Ordinanza dwar Qirda tal-Kummerc fil-Prostituzzjoni, tal-Kap 63 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(c) aktar talli bhala s-sid jew li ghandu taht idejh l-amministrazzjoni ta’ dar jew fond bl-isem Flat Numru 7, Marouska Flats, Triq l-Ghabex, San Pawl il-Bahar, xjentement ta’ b’kiri jew ippermetta l-uzu ta’ dan il-post ghal skopijiet ohra mmorali, u dan ai termini tal-Artikolu 10 tal-Ordinanza dwar Qirda tal-Kummerc fil-Prostituzzjoni, Kap 63 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fl-ahhar akkuzat talli b’hekk irrenda ruhu recidiv b’sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati, tas-16 ta’ Dicembru 1999 u s-27 ta’ Jannar 1999, u aktar talli kkommetta reat iehor waqt terminu operattiv ta’ sentenza sospiza, moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati fis-7 ta’ Settembru 2000.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali (a fol 9) u tal-imputat (a fol 12) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija tal-1 ta’ Novembru 2005.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-imputat tal-10 ta’ Lulju 2006.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni, b'mod specjali ghax-xhieda ta' Irina Tutereva, jirrizulta illi l-Pulizija, fis-6 t'Awissu 2001, kienu arrestawha hekk kif kienet hierga minn flat akkumpanjatha minn ragel. Tutereva xehdet permezz ta' interpretru u qalet illi ghall-ewwel meta giet arrestata mill-Pulizija, hija ma setghetx tifhimhom, izda l-gurnata ta' wara, permezz tal-interpretu, hija kienet f'pozizzjoni li tirrilaxxa stqarrija. A fol 22, Tutereva kkonfermat li hija kienet qalet il-verita' kollha f'din l-istqarrija. Tutereva xehdet illi hija ghandha tifel ta' sitt snin, u li xi hadd kien qalilha li jekk tigi Malta, kienet tista' taghmel ftit flus fil-prostituzzjoni. Illi meta giet Malta, hija giet meghjuna minn tfajla jisimha Milena. Hija kkonfermat li Milena filfatt kien introduciha lil certu Antoine, ghal xoghol ta' prostituzzjoni, u ndikat lill-imputat prezenti fl-awla (ara xhieda a fol 24 u 25).

Tutereva kkonfermat illi giet milqugha minn Milena fl-Airport, u li din haditha mill-ewwel id-dar ta' Antoine, l-imputat. Xehdet illi f'dak il-lejl, hija kienet giet mehuda f''bar' li jismu The Trickles Bar, San Pawl il-Bahar, bl-iskop sabiex **'l-irgiel ikunu jistghu jarawni'** (ara fol 26). Minn hemmhekk, hija kienet tiehu l-irgiel go flat fejn kien ikollhom x'jaqsmu sesswalment. Dawn l-irgiel kienu jaghtu l-flus lilha, u hi kienet tghaddihom lill-imputat Antoine. Tutereva xehdet illi hija kienet ticcargja kull klijent hmistax-il Lira Maltin (Lm15). Illi hi pero', kienet tiehu sitt Liri Maltin (Lm6). Tutereva kkonfermat illi hadd ma mmaltrattaha, u li kienet taf, illi waqt li kienet qed taghmel ix-xoghol ta' prostituzzjoni, hija setghet tigi arrestata mill-Pulizija.

Tutereva xehdet illi hija kienet giet mitluba ddum nofs siegha ma' kull klijent, kienet giet moghtija cavetta ta' dan il-flat mill-imputat, u xehdet illi hija kienet ilha taghmel dan ix-xoghol ta' prostituzzjoni mit-18 ta' Gunju 2001, u li kienet tara 'average' ta' tliet irgiel kull filghaxija u kienet

‘**tahdem’** kuljum. Tutereva kkonfermat, a fol 29, illi hija kienet taf lil Milena mir-Russja, li pero’ ma kinux hbieb.

Fid-9 t’Awissu, Tutereva xehdet illi gew fuqha zewg nisa u zewgt irgiel, urewha karta tal-identita’ ta’ Pulizija, hadulha c-cwievet mill-‘hand bag’ taghha, u dahlu fil-flat flimkien maghha, u mill-appartament hadu xi ‘tapes’ u xi ‘video cassettes’. Tutereva xehdet illi hija ma bezghetx mill-Pulizija f’Malta, bezghet biss ghaliex kienet giet arrestata mill-Pulizija. Tutereva kkonfermat illi waqt li hija kienet mal-Pulizija, dejjem kien hemm mara Pulizija maghha. In kontro ezami hija qalet li kienet qed tibza’ li jekk tibqa’ arrestata, hija ma kinitx ser tara lit-tifel u lir-ragel taghha. Tutereva kkonfermat ukoll illi zewggha ma kienx jaf b’dak li hija kienet qed taghmel hawn Malta, u li kien ser ikollha problema jekk kemm-il darba ma kinitx ser izzomm l-appuntament tieghu ghal l-1 ta’ Settembru fil-Germanja. Tutereva kkonfermat illi dak li hija xehdet fuq l-imputat Rapa kien il-verita.’

Michael Cassar Torreggiani, a fol 44, xehed illi huwa kien mar ma’ tfajla go flat, fejn kien hallasha hmistax-il Lira Maltin (Lm15), ikkonferma li huwa kien iltaqa’ maghha go ‘bar’ San Pawl il-Bahar, vicin ta’ Azzopardi Fisheries. Illi mill-‘bar’, huma marru bil-mixi go flat fejn din it-tfajla kellha c-cavetta u xehed li ma kienx f’pozizzjoni jghid il-flat fejn kien sitwat allavolja marru hemmhekk bil-mixi mill-‘bar’, ghaliex hu kien fis-sakra. Ikkonferma wkoll illi huwa ta lil din it-tfajla hmistax-il Lira Maltin (Lm15) ghal servizzi sesswali. Illi wara, huwa kien gie avvicinat mill-Pulizija li talbuh il-‘particulars’ tieghu. Cassar Torreggiani ftakar pero’ illi huwa kien talab ghall-assistenza tal-Avukat tieghu. A fol 49, huwa ta deskrizzjoni tal-mara, u kkonferma illi l-flat kien fil-vicinanzi ta’ dan il-‘bar’, u xehed li kien ser jipprova juri lill-Pulizija ezattament fejn kien dan il-flat.

A fol 52, WPC 104 Amanda Xuereb, xehdet illi fil-lejl ta’ bejn it-2 u d-9 t’Awissu, huma kienu qed jaghmlu osservazzjoni fuq flat fi Triq l-Ghabex, San Pawl il-Bahar, u li ghal habta tas-siegha ta’ filghodu, raw mara u ragel hergin minn dan il-flat, u ghaldaqstant, il-Pulizija kienu

ntercettawhom, u l-mara kienet Carmen Zina Dimech. Zina Dimech ikkonfermat illi dan il-flat ma kienx taghha izda kien ta' certu Tony, illi kienet tahdem minn hemmhekk, minn 'bar' San Pawl il-Bahar, u li ghal kull klijent hija kienet titlob hmistax-il Lira Maltin (Lm15), u li minnhom, hames Liri Maltin (Lm5) kienet ittihom lil Tony. Hija kkonfermat li dan Tony kien Tony Rapa (ara xhieda a fol 63). Zina Dimech ikkonfermat illi l-Pulizija hadu l-karozza taghha, u haduha d-Depot tal-Pulizija.

Bejn it-3 u l-4 t'Awissu mbaghad, WPC 104 Xuereb kienet prezenti ghall-arrest ta' nisa ta' nazzjonalita' barranija, inkluza Irina Tutereva, li kienet ukoll fil-kumpanija ta' certu Albert Ciantar. Ikkonfermat illi Tutereva kellha c-cwievet tal-flat numru 7, u Albert Ciantar informa lill-Pulizija li hu kien ghadda lil Tutereva hmistax-il Lira Maltin (Lm15) sabiex ikollu x'jaqsam maghha sesswalment.

PS 797 George Cremona, a fol 58, ikkonferma li fit-3 t'Awissu 2001, fuq struzzjonijiet tal-Ispettur Sharon Tanti, huma kienu qed jaghmlu osservazzjoni fuq Marouska Flats, f'San Pawl il-Bahar, flimkien ma' PC 225, WPC 104 u l-istess Spettur Tanti. Illi f'hin minnhom, innutaw persuna femminili b'xagharha ahmar diehla go blokk flats ma' ragel ta' karnagjon ismar. Is-Surgent Cremona kkonferma illi ghall-ewwel, il-persuna li kienet mat-tfajla nnega li kien sejjer maghha ghal skop ta' prostituzzjoni, izda mbaghad ammetta li kien iltaqa' maghha t-Trickles Bar, u li offrielha hmistax-il Lira Maltin (Lm15) ghal skop ta' prostituzzjoni. Illi l-'particulars' ta' dan ir-ragel kien hadhom PC 225.

PS Cremona kkonferma li fuq il-persuna tat-tfajla Russa kien hemm ic-cwievet li kienu jaghtu access ghal u jifthu l-appartament numru 7 ta' Marouska Flats, Triq il-Ghabex, San Pawl il-Bahar. Illi ghall-ewwel, it-tfajla Russa kienet tirrifjuta li tikkopera mal-Pulizija, izda wara li accedew ghall-flat taghha, hija bdiet tikkopera. PS Cremona kkonferma li dan il-flat kien mghammar bil-'cameras', u li kollox kien ikkontrollat minn gewwa dan il-flat. Il-Pulizija elevaw zewg 'videos' li gew mghoddija lill-Ispettur Sharon Tanti. PS Cremona kkonferma li rrizultalu li l-Flat Numru

7, Marouska Flats, Triq l-Ghabex, San Pawl il-Bahar kien taht il-kontroll tal-imputat Anthony Rapa, li identifika bhala l-imputat prezenti fl-awla (ara xhieda a fol 62).

PC 225 Joseph Filletti, a fol 64 et seq, xehed illi huwa kien qieghed jaghmel osservazzjoni ta’ Marouska Flats, Triq l-Ghabex, San Pawl il-Bahar, u ghal habta tas-siegha ta’ filghodu, hargu minn dan il-flat mara fil-kumpanija ta’ ragel. Dan ir-ragel kien Michael Cassar Torreggiani li kkonferma li hallas hmistax-il Lira Maltin (Lm15) lil mara, certu Carmen Zina Dimech, sabiex ikun jista’ jkollu x’jaqsam maghha sesswalment. Fis-saghtejn ta’ filghodu, huwa flimkien ma’ WPC 104, marru hdejn The Trickles Bar, sabiex jiehdu pussess tal-karozza ta’ Carmen Zina Dimech u jehduha l-Headquarters tal-Pulizija.

Fit-3 t’Awissu 2001 imbaghad, ghal habta tas-siegha u nofs, ra ragel fil-kumpanija ta’ mara b’xagharha ahmar dehlin gewwa l-flat. Wara xi ghoxrin minuta huma hargu u gew avvicinati mill-Pulizija. PC Filletti xehed illi huwa kien kellem lil dan ir-ragel, certu Albert Ciantar, li ammetta li kien hallas hmistax-il Lira Maltin (Lm15) lil dik il-mara li kien iltaqa’ maghha fit-Trickles Bar, San Pawl il-Bahar. Ciantar stqarr mieghu li huwa kien gie avvicinat minn Anthony Rapa waqt illi kien fi Trickles Bar, u li Rapa ghadda mazz cwievet lil mara Russa li Ciantar kien ghazel, li jisimha Tutereva.

PC 225 Joseph Filletti gharaf lill-imputat Anthony Rapa. PS Filletti, a fol 76 et seq, ipprezenta licenzja, dokument PS, tat-Trickles Pub, sitwat fi Triq il-Makku, San Pawl il-Bahar. Huwa kkonferma illi minn dan it-Trickles Bar sa Marouska Flats, hemm boghod biss ta’ hames minuti.

Carmen Zina Dimech, a fol 83 et seq, xehdet illi hija kienet qeghda go Trickles Pub, San Pawl il-Bahar, ma’ habib taghha l-imputat Rapa, u li minhabba illi kienet naqra xurbana, dan sellifha c-cavetta tal-flat tieghu. A fol 85, Carmen Zina Dimech ftakret illi hija kienet separata **‘u forsi kien hemm dak ir-ragel thassarni jigifieri’**. Mitluba tghid jekk kemm-il darba hija qattx tat xi flus jew ghaddiet xi flus lill-imputat, Zina Dimech irrispondiet illi l-imputat

kien ihalliha torqod fi flat u kien bhal speci jghinha. Mitluba tghid jekk kemm-il darba hi kinitx qed tibza' minn xi haga, Zina Dimech xehdet illi **'jien ghandi t-tfal ukoll'** (ara xhieda a fol 86). Zina Dimech ikkonfermat li hija ghaddiet proceduri kriminali ghal tlajjar bi skop ta' prostituzzjoni (ara xhieda a fol 87).

A fol 90, Carmen Zina Dimech, fit-tieni xhieda taghha, ikkonfermat illi hija saret taf lill-imputat ghaliex xi hadd laqqaghha mieghu, u hija kienet biss tmur gol-'bar' indikat sabiex tahdem ta' prostituta. Zina Dimech ikkonfermat li l-imputat kien sellifha flat ghal din ir-raguni, u cioe' sabiex tahdem bhala prostituta, u ghaldaqstant, kienet taghtih hames Liri Maltin (Lm5) kull darba li tikrih. A fol 93, hija spjegat illi ma' kull klijent, hija kienet ticcargja hmistax-il Lira Maltin (Lm15), u minnhom kienet taghti hames Liri Maltin (Lm5) lill-imputat. Dan il-flat kien flat f'San Pawl il-Bahar, u l-imputat kien ghaddielha c-cwievet ghal dan il-flat. Zina Dimech xehdet illi f'dan il-flat kien ukoll jghix l-imputat u l-gharusa Russa (ara xhieda a fol 96).

Apparti hi (Zina Dimech), kien hemm l-gharusa Russa tal-imputat u zewg nisa ohra. A fol 97, Carmen Zina Dimech xehdet illi l-imputat kien tahom struzzjonijiet sabiex ma jdumux mal-klijenti. A fol 98, hija xehdet illi meta laqqghuha mal-imputat, dan qalilha li huwa kellha tliet tfajliet Russi jaghmlu xoghol ta' prostituzzjoni, u xtaq li jkollu mara Russa ghall-istess skop ta' prostituzzjoni, u li ghalhekk, Carmen Zina Dimech kienet accettat li taghmel dan ix-xoghol. Xehdet illi hija kienet ghamlet dan ix-xoghol xi erba' darbiet fuq temp ta' gimaghtejn. Ghar-rigward hlasijiet, ix-xhud, a fol 100, xehdet illi l-imputat kien qalilha **'zomm hmistax, ghaxra ghalik u hamsa ghall-kamra'.**

Carmen Zina Dimech, a fol 102, xehdet illi waqt li hija kienet qed tuza' dan il-flat, kien hemm tfajla ohra li kienet tuza' l-flat ukoll ghaliex kien hemm zewg kmamar tas-sodda, li kienu jintuzaw ghal skopijiet ta' prostituzzjoni. Zina Dimech, a fol 103, xehdet illi kienet taf li l-flat kien mghammar b''cameras'.

In kontro ezami, Carmen Zina Dimech xehdet li qabel ma telghet fuq il-pedana tax-xhieda, l-Ispettur Tanti kienet kellmitha u fakkritha ftit dwar il-kaz (ara xhieda a fol 106). Dimech xehdet illi hi li ghamlet kien minn jeddha, u ma kienet imgieghlha taghmel xejn bilfors. A fol 107, Dimech xehdet illi l-Ispettur Tanti qaltilha biex tghid il-verita', u xehdet illi d-dettalji dwar il-flus, hija ma xehdithomx il-gurnata ta' qabel ghax kienet qed tibza'. A fol 111, Zina Dimech xehdet illi hija kienet tmur fit-Trickles Bar, San Pawl il-Bahar, u xehdet ukoll li hija qabel ma hadmet ta' prostituta fit-Trickles Bar, ir-ragel taghha stess kien igieghlha taghmel dan ix-xoghol. A fol 112, Zina Dimech xehdet illi l-hames Liri Maltin (Lm5) li hija hallset lill-imputat Antoine Rapa kienet hallsithom biex tikri l-post.

Spettur Sharon Tanti, a fol 114, esebiet l-istqarrija ta' Carmen Zina Dimech, li tinstab esebita bhala dokument ST. Spettur Tanti esebiet ukoll mazz cwievet li kienu gew elevati mill-'hand bag' ta' Carmen Zina Dimech, meta hija kienet giet arrestata mill-Pulizija, liema cwievet Zina Dimech kienet qalet li kien ta l-imputat.

In kontro ezami, Spettur Sharon Tanti xehdet illi Zina Dimech filfatt kienet qaltilha minn rajha li kienet ghadha kemm gejja mill-flat tat-tewmi, u li kienet dahlet f'dan il-flat permezz ta' cwievet li kien taha hu (l-imputat), fethet il-'basket', u dawn ic-cwievet gew elevati mill-istess Spettur Tanti. A fol 118, l-Ispettur Sharon Tanti ddeponiet dwar l-iskambju taghha ma' Carmen Zina Dimech, u kkonfermat li hija ma semmitilha xejn mid-dettalji ta' jew il-kontenut tax-xhieda taghha.

A fol 126, Spettur Tanti kkonfermat li matul ix-xahar ta' Lulju 2001, il-Pulizija bdiet tirciev i rapporti li go flat privat fi Triq Ghabex, San Pawl il-Bahar, kien qed isir il-prostituzzjoni minn tfajliet Russi. Il-flat gie ndikat bhala r-residenza ta' Anthony Rapa, liema flat kien jghix fih b'mod permanenti, u li filghaxijiet, kien ihalli l-flat tieghu jintuza' minn tfajliet Russi, li xi wahda minnhom jew tnejn kienu jghixu f'dak il-flat ukoll.

Illi ghaldaqstant, fl-1 t'Awissu, is-Surgent Josephine Gauci WPS 24, PS 225 Joseph Filletti, WPC 104 Amanda Xuereb, flimkien mal-Ispettur Sharon Tanti, kienu marru fi Triq l-Ghabex, San Pawl il-Bahar sabiex jaghmlu osservazzjonijiet dwar dan l-appartament, u dan mid-disgha ta' filghaxija sa nofs il-lejl, pero' ma kien hemm ebda movimenti. Ghamlu 'patrol' f'inhawi ohra, pero' kien daqq nofs il-lejl, u l-Ispettur Sharon Tanti rceviet telefonata li kienet ghadha kemm dahlet tfajla b'xagharha twil iswed ma' ragel fl-appartament indikat. Ghaldaqstant, il-Pulizija regghu rritornaw fit-triq u stennew sabiex jaraw johorgux xi nies minn dan l-appartament.

Infatti, wara ftit, nizlet tfajla b'xagharha twil iswed fil-kumpanija ta' ragel, il-Pulizija avvicinawhom u ntercettawhom. Il-flats kienu bl-isem ta' Marouska Flats, Ghabex Street, San Pawl il-Bahar, infurmawha li kienu Pulizija u wrewha l-'card', u l-Pulizija tkellmu bl-Ingliz, izda t-tfajla qaltilhom li kienet Maltija. Din it-tfajla kkonfermat li hija kienet f'appartament ta' habib taghha Tony Rapa, u li kienet iltaqghet ma' ragel ftit qabel f''bar', li Tony Rapa kien ihalliha tuza' l-flat, u kienet taghtih hames Liri Maltin (Lm5) kull darba li kienet tuza' l-flat ghal skopijiet ta' prostituzzjoni. Din it-tfajla ttiehdet l-ghassa tal-Qawra, u ndikatilhom il-karozza taghha li kienet qeghda fil-vicinanzi tat-Trickles Bar.

PC 225 u WPC 104 infurmaw lill-Ispettur Tanti li fil-vicinanza tal-karozza ta' Dimech, raw lil Anthony Rapa. Carmen Zina Dimech irrilaxxat stqarrija l-ghada filghodu, fejn ikkonfermat li hija kienet tuza' l-appartament ta' Anthony Rapa ghal skopijiet ta' prostituzzjoni, li kien hu stess li qalilha li kellu bzonn is-servizzi ta' prostituta Maltija, ghaliex il-klijenti kultant, apparti t-tfajliet Russi li kellu, kienu jkunu jridu mara Maltija, u li hi accettat li taghmel dan ix-xoghol. Fl-istess stqarrija, l-Ispettur Sharon Tanti kkonfermat li Dimech qaltilha li l-flat kien tal-imputat Rapa, u li kienet tghaddi l-flus lilu u li bdiet taghmel dan ix-xoghol xi hmistax jew tliet gimghat qabel.

Spettur Sharon Tanti xehdet illi Dimech qaltilha li wahda minn dawn ir-Russi x'aktarx kienet il-mara ta' Anthony

Rapa, u li kien hemm tfajla ohra Russa b'xagharha ahmar, maqtugh stil 'bob' li jisimha Irina. Carmen Zina Dimech kienet infurmat lill-Ispettur Sharon Tanti li l-imputat kien jaghti struzzjonijiet lil din Irina kif ghandha ggib ruhha mal-klijenti, kemm kellha titlobhom flus u struzzjonijiet ohra simili.

Fit-3 t'Awissu 2001, WPC 104, PC 225 u PC 797 u l-Ispettur Tanti kienu regghu zammu l-flat in kwistjoni taht osservazzjoni, u ghal habta tas-siegha u nofs, fl-4 t'Awissu, innutaw u osservaw tfajla xagharha ahmar diehla fil-blokk tal-flats ma' guvni samrani. Il-Pulizija resqu lejn il-koppja huma u dehlin lejn il-flat, identifikaw ruhhom, pero' minhabba l-problema tal-lingwa, ma setghux jikkomunikaw mat-tfajla Russa. Il-guvni li kien maghha kien Malti, u wara ftit ammetta li kien taha xi flus sabiex ikollu x'jaqsam maghha sesswalment. Huwa kkonferma wkoll li kien iltaqa' maghha fit-Trickles Bar, u li kien ghaddielha hmistax-il Lira Maltin (Lm15).

Il-Pulizija ghamlu tfittxija fil-basket ta' din it-tfajla u sabu sett cwievet li jaqblu mal-appartament in kwistjoni. Meta telghu l-Pulizija fl-appartament, raw sistema ta' CCTV apparatus li kellu l-imputat. Gew elevati xi 'videos' mill-flat pero' dawn kienu vojta. It-tfajla Russa giet arrestata u permezz tal-interpretu, Irina Tutereva rrilaxxat stqarrija, fejn ikkonfermat illi l-imputat Antoine Rapa kien sid il-flat Numru 7, Marouska Flats, Triq l-Ghabex, San Pawl il-Bahar, u kien il-persuna li kien taha dak l-appartament sabiex hi tkun tista' taghmel uzu minnu ghal skopijiet ta' prostituzzjoni u tghaddilu l-flus. Hija kkonfermat mal-Pulizija li kienet izzomm hmistax-il Lira Maltin (Lm15) ghal kull klijent u kien imissha biss sitt Liri Maltin (Lm6) ghaliex il-kumplament kienet tghaddihom lill-imputat Rapa.

Spettur Sharon Tanti kkonferma li Irina Tutereva kienet giet imressqa l-Qorti akkuzata bi tlajjar ghal skopijiet ta' prostituzzjoni, fejn kienet ukoll giet misjuba hatja.

Illi fis-6 t'Awissu, l-Ispettur Tanti kienet baghtet ghall-imputat, u dan irrilaxxa stqarrija fejn ghazel li ma jwiegeb ghal l-ebda domanda li saritlu. In kontro ezami, Spettur

Tanti kkonfermat illi hija kienet write lil Tutereva li kienu Pulizija permezz tal-‘identity cards’ tal-Pulizija, u li wettqet it-tfittxija u spjegatilha permezz ta’ lingwagg semplici u bis-sinjali.

Spettur David Saliba, a fol 137, esebixxa dokument DS a fol 139 et seq, sentenza tas-7 ta’ Settembru 2000, fil-konfront tal-imputat, u gharaf lill-imputat bhala l-istess persuna li ghaliha tirreferi tali sentenza.

Spettur Stephen Gatt, a fol 145, esebixxa sentenza datata 29 ta’ Jannar 1999, dokument SG a fol 147 et seq, u kkonferma l-identita’ tal-imputat.

Albert Ciantar, a fol 156 et seq, ikkonferma illi fit-3 t’Awissu 2001, kien gie mitkellem mill-Pulizija, li hu kien f’’bar’ f’San Pawl, u xehed li huwa kien mar f’dan il-‘bar’ bl-intenzjoni li jixrob u ghaliex gieli sema’ li kien hemm tfajliet barranin jaghmlu xoghol ta’ prostituzzjoni. Illi filfatt, huwa ltaqa’  ma’ wahda minn dawn it-tfajliet u mar maghha go flat. Huwa tkellem ma’ din it-tfajla bl-Ingliz, allavolja din kienet Russa. Huwa xehed li l-flat fejn marru ghal dan l-iskop kien vicin ta’ dan il-‘bar’. Ciantar, a fol 159 u 160, ta d-direzzjonijiet li segwa biex isib il-flat indikat, u kkonferma illi huwa ta hmistax-il Lira Maltin (Lm15) lil din it-tfajla, u hekk kif nizlu minn gol-flat, gew fuqhom mill-ewwel il-Pulizija.

Illi fl-access li sar fl-14 ta’ Novembru 2003, fil-prezenza tal-imputat u tal-Avukat Difensur tieghu, Albert Ciantar, a fol 165, ikkonferma illi l-‘pub’ sitwat fi Triq il-Makku, kien il-‘pub’ li huwa mar jixrob fih, u li semma’ fix-xhieda precedenti tieghu. Illi mbaghad, huwa ta l-ismijiet tat-toroq li huwa kien ha sabiex imur fil-flat mat-tfajla Russa, u indika Triq l-Ghabex, San Pawl il-Bahar, izda ma kienx cert f’liema flats fi Triq l-Ghabex kien dahal.

Michael Cassar Torreggiani, a fol 167, ukoll ikkonferma illi l-‘pub’ fi Triq il-Makku, kien il-‘pub’ li huwa mar fih fid-data in kwistjoni, u filfatt ikkonferma wkoll li l-flat li fih kien dahal ghal skopijiet ta’ servizzi sesswali, kien x’aktarx fi Triq l-Ghabex jew fi Triq l-Arznell, San Pawl il-Bahar.

L-imputat ghazel li ma jixhidx.

Spettur Sharon Tanti, in kontro ezami, a fol 176 et seq, ikkonfermat illi r-rapporti li kienu dahlu fl-ufficju taghha tal-Vice Squad kienu permezz ta' telefonati. Ikkonfermat ukoll illi l-flat in kwistjoni kien tal-imputat Rapa u li fih kienet tghix ukoll il-mara tieghu. Spettur Tanti kkonfermat ukoll illi anke t-tfajla Irina Tutereva kienet tghix f'dan il-flat ghaliex il-hwejjeg personali taghha kollha kienu go kamra fl-istess flat. Spettur Tanti kkonfermat illi hija ma nvestigatx dwar Milena, u kif din giet Malta, u kkonfermat ukoll li hija ma ghamlitx investigazzjonijiet rigward sid it-Trickles Bar. Spettur Tanti kkonfermat illi ghalkemm kien hemm kwistjoni fuq dan l-appartament bejn Camilleri u Rapa, fiz-zmien tal-akkuza, l-imputat kien qed ihallas kera fuq il-flat in kwistjoni. Camilleri kien qal li kien hemm xi kwistjoni dwar pagamenti rigwardanti dan l-appartament.

Ikkunsidrat:-
Illi mix-xhieda fuq indikata, huwa evidenti illi l-Prosekuzzjoni fl-ezercizzju ta' osservazzjoni ta' Flat Numru 7, Marouska Flats, Triq l-Ghabex, San Pawl il-Bahar, irnexxielhom li prattikament jaqbdu liz-zewg nisa propju hergin mill-flat li kien taht il-kontroll tal-imputat, wara li dan kien qed jigi wzat ghal skopijiet ta' prostituzzjoni, mhux semplicement bil-kunsens tal-imputat izda b'partecipazzjoni attiva f''negozju'.

Illi x-xhieda ta' Carmen Zina Dimech u ta' Irina Tutereva, flimkien mal-irgiel illi ghamlu uzu mis-servizzi taghhom, u cioe' Albert Ciantar u Michael Cassar Torreggiani, xehdu apertament u ammettew illi filfatt dawn l-erba' min-nies kienu qeghdin juzaw il-fond fuq indikat ghal skop ta' prostituzzjoni. Illi di piu', iz-zewgt irgiel ammettew illi kienu fit-Trickles Bar li kien il-post fejn kien ipoggi l-imputat li ressaqhom lejn in-nisa li minnhom xtaqu s-servizzi sesswali; xehdu fuq l-ammont ta' flus li kienu gew mghoddija; in-nisa xehdu u ammettew l-ammont ta' flus li kienu jzommu ghalihom **u l-ammont ta' flus li kienu jghaddu lill-imputat Rapa; u z-zewg nisa wkoll gharfu u identifikaw lill-imputat.**

Di piu', l-Ufficjali Prosekuturi taw deskrizzjoni u ndikazzjoni preciza ta' fejn kien sitwat il-fond li kien qed jintuza' ghal skopijiet immorali, billi taw l-indirizz preciz tal-istess.

Illi ghar-rigward ta' dak li gie sollevat f'paragrafu hamsa u sitta fin-nota ta' sottomissjonijiet tad-Difiza, din il-Qorti ma tista' bl-ebda mod takkolji dak sollevat, stante illi ma tistax tmur oltre l-parametri ta' din il-kawza, u jekk kemm-il darba, kif donnu suggerit mid-Difiza, seta' kien hemm kaz kontra mart Anthony Rapa, dan ikun mertu ta' kawza ohra.

Ghar-rigward ta' paragrafu seba' tal-istess nota fejn id-Difiza ilmentat li l-Prosekuzzjoni ma ressqux provi cari u inkonfutabbli kontra l-imputat, din il-Qorti ghal darb'ohra ma tista' bl-ebda mod takkolji s-sustanza ta' dan l-ilment. Dan qed jinghad ghaliex il-provi f'kaz kriminali ma jkunux impittra jew f'ordni matematika izda jkunu assjem ta' fatturi li raw jew semghu diversi xhieda li flimkien jibnu stampa ta' dak li gara. Fil-kaz in ezami, l-Ufficjali Prosekuturi taw xhieda inkonfutabbli tal-identifikazzjoni u sitwazzjoni tal-fond taht il-kontroll tal-imputat, minhabba li wara diversi rapporti anonimi, l-istess Pulizija **qeghdu dan l-istess fond taht sorveljanza**. Illi di piu', ic-cwievet misjuba fuq iz-zewg nisa Tutereva u Zina Dimech taw access ghal dak il-fond. Iz-zewgt irgiel Ciantar u Cassar Torreggiani taw direzzjonijiet u ndikazzjonijiet ta' fejn gew mehuda min-nisa, u waslu sa Triq l-Ghabex, San Pawl il-Bahar, izda mhux ghall-blokk preciz. In oltre, il-fatt illi Cassar Torreggiani u Ciantar ma identifikawx lill-akkuzat, u li Trickles Bar mhux licenzjat ghand l-akkuzat, huwa fattur kompletament superfluwu ghall-kaz.

Illi ghar-rigward ta' dak sollevat f'paragrafu tmienja, disa' u ghaxra tal-istess nota ta' sottomissjonijiet tad-Difiza, din il-Qorti hi tal-fehma illi r-rekwiziti taht l-Artikolu 352 tal-Kap 9, infatti gew onorati mill-Ufficjali tal-Prosekuzzjoni, stante li l-Pulizija ezekkuttiva ghandha d-dover li taghraf lill-persuna soggetta ghall-arrest jew ghall-perkwizizzjoni bir-raguni tal-arrest jew perkwizizzjoni, '**kemm-il darba ma**

**jkunx qabadha fil-fatt'**. Illi din il-Qorti hi tal-fehma illi z-zewg koppji Irina Tutereva u Carmen Zina Dimech, Cassar Torreggiani u Ciantar inqabdu fil-fatt.

Illi l-paragrafi, imbaghad minn tnax sa wiehed u ghoxrin, huma relatati mal-kredibilita' o meno tax-xhieda ta' Zina Dimech u Tutereva. Illi din il-Qorti kienet f'pozizzjoni illi tevalwa l-imgieba tax-xhieda u l-manjiera li biha taw it-testimonianza taghhom dawn iz-zewg nisa u kellha l-opportunita' li tapprezza l-biza' tremenda u tangibbli li dawn in-nisa kellhom mill-imputat. Ir-riluttanza taghhom fil-bidu tax-xhieda taghhom li hija riflessjoni biss ta' din il-biza'. Illi ghaldaqstant, din il-Qorti, ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kap 9, tqis illi x-xhieda taghhom hija wahda kredibbli. Illi in oltre, il-fatti u d-dettalji li taw dwar l-istruzzjonijiet li hadu minghand l-imputat dwar kif kellhom igibu ruhhom mal-klijenti, dwar kemm kellhom jiehdu flus minghand il-klijenti, huma vero simili u konsistenti.

Illi l-imputat ghazel li ma jixhidx u li ma jressaq ebda prova ulterjuri.

Illi l-Qorti rat u ezaminat l-Artikolu 7 tal-Kap 63 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe', l-Ordinanza dwar il-Qirda ta' Kummerc fil-Prostituzzjoni, li jiddeponi:

*'Any person who knowingly lives, wholly or in part, on the earnings of the prostitution of any other person, shall be liable, on conviction, to imprisonment for a term not exceeding two years:*
*Provided that where that other person has not attained the age of eighteen years, the offence shall be punishable with imprisonment for a term from eighteen months to four years.'*

Illi huwa evidentissimu li l-fatturi li johorgu mix-xhieda prodotta f'dan il-kaz, kif fuq spjegat, jissostanzjaw l-elementi kardinali mahsuba taht dan l-Artikolu u dan stante li jirrizulta ppruvat illi non si tratta ta' xi cirkostanza wahda fejn in-nisa ghaddew il-flus lill-imputat wara illi gew imressqa irgiel lejhom ghal skopijiet ta' prostituzzjoni, izda jirrizulta ppruvat repetizzjoni ta' dawn ic-cirkostanzi li

tipprova sistema ta' sfruttament ta' terpitudini ta' haddiehor.

Illi l-imputat imbaghad jinstab mixli b'akkuzi ta' zamma ta' burdell taht l-Artikolu 8 tal-Kap 63, u dik sussidjarja, cioe', l-amministrazzjoni ta' dar jew fond b'kiri, jew li ppermetta l-uzu tal-istess, ghal skopijiet immorali ai termini tal-Artikolu 10 tal-istess Ordinanza.

Illi din il-Qorti hi tal-fehma illi l-Artikolu 8 tal-Kap 63 jitkellem fuq l-amministrazzjoni jew kontroll ta' burdell u li hija cara mill-qari anke superficjali ta' dan l-Artikolu, li l-legislatur kien qed jippresupponi l-amministrazzjoni ta' 'house of disrepute' fuq skala ta' certu kobor, fejn non si tratta ta' hidma ta' prostituta wahda jew tnejn, izda ta' numru sostanzjali. Fil-kaz in ezami, il-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprovdi hidma ta' zewg prostituti mill-imputat, u ghaldaqstant, din il-Qorti ma tarax illi l-fatti speci tal-kaz jinkwadraw taht l-Artikolu 8.

L-imputat jinstab akkuzat taht l-Artikolu 10 tal-istess Kap 63, li jghid:

*'Whoever owns or has under his administration any house or other premises, and knowingly lets or permits the use of the same for the purpose of prostitution or other immoral purposes, shall be liable, on conviction, to imprisonment for a term from one to six months.'*

Illi d-Difiza, f'paragrafu tnejn u ghoxrin, sostniet illi l-Prosekuzzjoni ma pruvawx minghajr dubju dettat mir-raguni, illi l-imputat huwa sid jew jamministra l-appartament indikat fl-akkuzi, wisq anqas ma gie pruvat illi l-imputat jghix wahdu fl-appartament u li ghandu kontroll tal-istess, u dan ghaliex martu kellha access ukoll ghac-cwievet ta' dan il-fond. Illi bir-rispett kollu, din il-Qorti bl-ebda mod ma tista' takkolji dak sollevat mid-Difiza. Dan qed jinghad ghaliex dawn il-Qrati dejjem interpretaw ir-reat mahsub taht dan l-Artikolu kif ser jinghad:

*'Ghall-finijiet tad-dispozizzjoni tal-ligi li tghid illi min ikollu taht idejh l-amministrazzjoni ta' fond, jikkommetti reat jekk*

*hu xjentement jirkieh jew jippermetti l-uzu tieghu ghal skop ta' prostituzzjoni jew prattiki ohra immorali, it-terminu amministrazzjoni aktar minn kuncett civilistiku ta' amministrazzjoni ifisser kontroll tal-fond, u ghalhekk jikser din il-ligi anke l-lokatorju ta' fond li jaghtih ghal skopijiet ta' prostituzzjoni jew skopijiet ohra mmorali, jew li jippermetti l-uzu tieghu ghal dawn l-iskopijiet.' (Vide Pulizija vs Anthony Curmi et, deciza fid-29 ta' Lulju 1961 per Imhallef Flores; u Pulizija vs Michael Borg, deciza fil-21 ta' Jannar 1961, Appell Kriminali).*

Illi x-xhieda ta' Tutereva u ta' Zina Dimech tiddimostra l-fatt illi l-imputat kien jghix f'dan il-flat flimkien ma' martu, u li kien **hu** li ppermetta lil Tutereva u Zina Dimech juzaw il-flat ghall-prostituzzjoni u li rceva sehmu mir-rikavat tal-prostituzzjoni. Il-fatt li mart l-imputat kienet tikkoabita mal-imputat bl-ebda mod ma tnaqqas jew ixxejjen il-kontroll evidenti tal-imputat.

Illi in oltre, il-Prosekuzzjoni esebiet is-sentenza tat-23 ta' Settembru 2000, dokument DS a fol 139-144, u saret ix-xhieda tal-identita' tal-imputat skond il-ligi (ara xhieda ta' Spettur Saliba a fol 137 et seq).

Illi ghal dawn il-motivi, din il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel akkuza, mhux hati tat-tieni akkuza li minnha tilliberah, hati tat-tielet akkuza u tar-raba' akkuza, u wara li rat l-Artikoli 18, 49 u 50, 28A u 28B tal-Kap 9, Artikoli 7 u 10 tal-Kap 63, tikkundannah ghal sentejn prigunerija ghar-reati taht il-Kap 63, filwaqt li tirrendi operattiva s-sentenza sospiza moghtija mill-Qrati tal-Magistrati fis-7 ta' Settembru 2000, li fiha l-imputat kien gie kundannat ghal sena prigunerija sospizi ghal sentejn, u tordna li dik is-sentenza ghandha tibda' ssehh.

Illi ghaldaqstant, il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat ghal tlett snin prigunerija komplessivament. Din il-piena qed tinghata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-gravita' tal-kaz u l-fedina penali tal-imputat, li ma jippermettix piena alternattiva ghajr dik karcerarja.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------